14.11.2012 A7-0339/6

**Emenda 6**
**Elmar Brok**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jitlob li l-pajjiżi kollha li fil-futur jidħlu fiż-żona tal-euro jiġu inklużi f'Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina;*** |

Or. en



MT Magħquda fid-diversità MT

**Emenda 7**
**Elmar Brok**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, għalkemm s'issa l-parteċipazzjoni kienet biss waħda formali, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament talbet lill-kumitat kompetenti tal-Parlament biex jeżamina l-proposti sostantivi b'mod konġunt mat-tliet rappreżentanti (sherpas) li qed jinnegozjaw mal-President permanenti tal-Kunsill Ewropew f'isem il-Parlament; | 5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, għalkemm s'issa l-parteċipazzjoni kienet biss waħda formali, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament talbet lill-kumitat kompetenti tal-Parlament biex jeżamina l-proposti sostantivi b'mod konġunt mat-tliet rappreżentanti (sherpas) li qed jinnegozjaw mal-President permanenti tal-Kunsill Ewropew f'isem il-Parlament; ***jistenna li din it-talba sseħħ skont il-proċedura xierqa matul in-negozjati tal-proċess Van Rompuy, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-kumitati kompetenti;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

14.11.2012 A7-0339/8

**Emenda 8**
**Elmar Brok**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Filwaqt li jsostni *mil-ġdid* ***l-intenzjoni tiegħu li jintensifika l-kooperazzjoni mal-parlamenti*** nazzjonali fuq il-bażi tal-Protokoll Nru 1, jenfasizza li tali kooperazzjoni m'għandhiex titqies bħala l-ħolqien ta' korp parlamentari mħallat ġdid li jkun kemm ineffikaċi kif ukoll illeġittimu minn perspettiva demokratika u kostituzzjonali; jenfasizza l-leġittimità sħiħa tal-Parlament bħala korp parlamentari fil-livell *tla-Unjoni* għal governanza msaħħa u demokratika tal-UEM; | 13. Filwaqt li jsostni *mill-ġdid* ***il-ħtieġa għal kooperazzjoni intensa bejn il-Parlament Ewropew minn naħa waħda u l-parlamenti*** nazzjonali ***min-naħa l-oħra*** fuq il-bażi tal-Protokoll Nru 1 ***sabiex jinkisbu informazzjoni u konsultazzjoni reċiproċi aħjar***, jenfasizza li tali kooperazzjoni m'għandhiex titqies bħala l-ħolqien ta' korp parlamentari mħallat ġdid li jkun kemm ineffikaċi kif ukoll illeġittimu minn perspettiva demokratika u kostituzzjonali; jenfasizza l-leġittimità sħiħa tal-Parlament bħala korp parlamentari fil-livell *tal-Unjoni* għal governanza msaħħa u demokratika tal-UEM; |

Or. en


Magħquda fid-diversità